# Kunsill Lokali tax-Xagħra (Għawdex)

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV

# SENA 2016

*1.0 Introduzzjoni tas-Sindku*

Dan ir-rapport annwali amministrattiv ikopri t-tieni sena tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra li bdiet fl-1 ta' Mejju 2015. Din il-leġislatura ser tiġi fi tmiemha nhar it-30 ta' Ġunju 2019. Is-sena finanzjarja li ser tiġi diskussa bdiet fl-1 ta' Jannar 2016 u ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016. Id-dħul totali tal-Kunsill matul din is-sena finanzjarja kien ta' € 717,413.49c filwaqt li l-ispiża totali kienet ta' € 655,108.18c. B'hekk, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra spiċċa s-sena finanzjarja 2016 b'bilanċ finanzjarju ta' € 62,305.31c. Din il-figura ma tinkludix il-*commitment* li għandu l-Kunsill fir-rigward tal-iskema tal-*Public Private Partnership* fuq asfaltar ta' toroq, liema spiża qed titħallas f'partijiet żgħar kull sena kif jistipula l-istess kuntratt li kien ħareġ fis-sena 2010. Il-bilanċ li fadallu jħallas il-Kunsill Lokali tax-Xagħra għal dan ix-xogħol huwa ta' € 476,331.39c.

Matul din is-sena, il-Kunsill Lokali pprova jsolvi l-ilmenti kollha li rċieva mingħand ir-residenti. Madankollu, l-isforzi tiegħu ċerti drabi ma tawx il-frott meħtieġ minħabba nuqqas ta' ko-operazzjoni mingħand numru ta' Dipartimenti tal-Gvern u korpi parastatali. Għal li ġej, ser nagħmlu aktar pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali sabiex iwettaq dawk ix-xogħlijiet li jaqgħu strettament taħt il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tiegħu waqt li nagħtu l-attenzjoni meħtieġa lix-xogħlijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' diretta tal-Kunsill Lokali.

Matul is-sena 2016, il-Kunsill iffinalizza b'suċċess il-proċeduri kollha relatati mal-proġetti kbar li saru fil-lokalita' tagħna fis-snin preċedenti. Dawn jinkludu l-proġett 'Network of Leisure Parks in Xagħra' iffinanzjat minn fondi tal-Miżura 313 tal-programm Leader tal-Unjoni Ewropea, il-proġett 'Repaving of Victory Square in Xagħra and the construction of a storm water culvert' iffinanzjat minn fondi tal-Miżura 313 (it-tieni sejħa) tal-programm Leader tal-Unjoni Ewropea, il-proġett 'Enhancing the Charming Characterists of Xagħra' iffinanzjat minn fondi tal-Miżura 413.4 tal-programm Leader tal-Unjoni Ewropea u r-rikostruzzjoni tal-ewwel parti ta' Triq Marsalforn, liema xogħol kien parzjalment iffinanzjat mill-iskema tal-*Public Private Partnership* imnedija mill-Gvern Ċentrali.

Matul is-sena 2016, il-Kunsill Lokali ikkonkluda b'suċċess il-proġett ta' installazzjoni ta' *planters* u tħawwil ta' siġar bħala parti mill-iskema 'Urban Greening' imnedija mill-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima. Dan il-proġett twettaq b'finanzjament ta' € 30,000 minn din l-iskema. Il-maġġor parti ta' dawn is-siġar tħawlu fil-*playing field* filwaqt li s-siġar l-oħrajn tħawlu fi *planters* li ġew imqiegħda fi Triq John Otto Bayer, Triq il-Mitħna, Triq Marsalforn, Triq il-Knisja, Triq Marija Bambina, Triq is-Sellum u Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

Il-Kunsill kompla wkoll jikkontribwixxi għat-tiżjin ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja għal żmien il-festi tal-Milied u għall-Maratona Annwali li tiġi organizzata fir-raħal tagħna bis-sehem ta' diversi għaqdiet volontarji li għandna fix-Xagħra. Qegħdin kontinwament nixtru numru ta' kotba għall-librerija lokali li tintuża spiss mir-residenti u t-tfal tagħna. Il-Kunsill jorganizza b'mod regolari diversi korsijiet għar-residenti fosthom korsijiet fil-kompjuter u bizzilla. Il-Kunsill qiegħed jipprova jħeġġeġ liz-zgħazagħ b'diversi inizjattivi fosthom l-iskambji taz-zgħazagħ filwaqt li jorganizza attivitajiet sabiex inqajmu sens ċiviku fiz-zgħazagħ tagħna. Fil-preżent, il-Kunsill qed jippjana skambju ta' żgħażagħ mal-Kunsill ta' Offida fl-Italja, liema skambju mistenni jsir f'Lulju 2017.

Il-Kunsill ikkontribwixxa wkoll f'diversi attivitajiet kulturali li saru fir-raħal waqt li għal darb'oħra organizza attivitajiet konnessi mal-Karnival. Il-Kunsill jagħti wkoll l-appoġġ tiegħu lill-Fondazzjoni Kummitttiva li tagħti s-servizzi tagħha waqt dawn il-ġranet. Noffru wkoll is-sapport tagħna lill-għaqdiet fir-raħal fosthom il-Banda *Victory* u lill-kommunitajiet ta' Sant'Anton u tan-Nazzarenu għall-organizazzjoni tal-festi rispettivi u attivitajiet soċjali u kulturali oħra. Fost dawn ta' min isemmi l-wirjiet tal-klieb u taz-zwiemel li issa saru parti mill-festa ta' Sant'Anton Abbati u l-kompetizzjoni

tal-*wine tasting* fil-festa tan-Nazzarenu. Lill-Banda Victory nikkummissjonawha sabiex tesegwixxi diversi kunċerti fosthom dak prinċipali ta' Jum ix-Xagħra waqt li nghinuha fl-organizazzjoni tal-Programm Vokali u Strumentali li l-istess Socjeta' ittella' fil-jiem tal-festa titulari ta' Marija Bambina. F'Lulju 2016 organizzajna s-seba' edizzjoni tal-Festival tat-Tin u ikel tradizzjonali Għawdxi. Permezz tal-attivitajiet li saru bħala parti minn dan il-festival, il-Kunsill reġa' ta spinta lir-relazzjonijiet ta' ħbiberija li hemm mal-Kunsill ta' Offida fl-Italja, liema Kunsill aħna ġemellati miegħu. Nhar l-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill Lokali organizza edizzjoni oħra tal-Kunċert annwali tal-Milied bis-sehem tal-*Animae Gospel Choir*, liema Kunċert intlaqa' b'mod tajjeb ħafna mill-udjenza li attendiet għalih.

Il-Kunsill jiftaħ regolarment iċ-Ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani fir-raħal stess u jorganizza attivitajiet għall-anzjani kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. F'dak li jirrigwardja s-separazzjoni tal-iskart fil-lokalita' tagħna, komplejna bil-kampanja tagħna favur aktar riċiklaġġ tal-iskart domestiku. Rigward indafa pubblika, il-Kunsill qed ikompli jipprovdi servizz ta' kenniesa mqassma f'żoni differenti madwar ix-Xagħra sabiex jassiguraw li tinzamm l-indafa għall-ħarsien tas-saħħa tar-residenti.

Matul din is-sena, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ikkopera mal-Gvern Ċentrali f'diversi inizjattivi li qed jieħu favur il-poplu Malti u Għawdxi kollu. F'Novembru li għadda, il-Kunsill reġa' ikkopera mal-Ministeru tas-Saħħa u offra s-servizz ta' vaċċin b'xejn kontra l-infuwenza staġjonali lil dawk ir-residenti Xagħrin li għandhom minn 55 sena 'l fuq.

Matul din is-sena, il-Kunsill Lokali rċieva l-aħbar mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-applikazzjoni tagħna għall-finanzjament taħt l-iskema 'Proġetti Speċjali fil-Lokalitajiet' imnedija mill-istess Dipartiment ġiet aċċettata u ser ningħataw finanzjament ta' € 175,000 sabiex inwettqu l-proġett ta' rikostruzzjoni tat-tieni parti ta' Triq Marsalforn. Kif diġa' sar fl-ewwel parti tat-triq permezz tal-Iskema tal-*Public Private Partnership*, ix-xogħol ser ikun jikkonsisti mhux biss f'asfaltar ta' din il-parti tat-triq iżda wkoll fi bdil ta' servizzi tal-ilma li issa huma qodma u m'għadhomx daqstant ta' benefiċċju għar-residenti tagħna. Il-parti l-oħra ta' dan il-proġett ser tiġi iffinanzjata mill-*Urban Improvement Fund* amministrat mill-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) wara li tkun ġiet ikkonfermata l-applikazzjoni pendenti għall-fondi li għandna fil-preżent.

Għas-sena li ġejja (2017), il-Kunsill Lokali tax-Xagħra għandu l-ħsieb li japplika għal finanzjament taħt programmi differenti tal-Unjoni Ewropea sabiex jimplimenta proġett ta' konservazzjoni, restawr u bini mill-ġdid ta' diversi ħitan tas-sejjieħ f'żoni rurali fil-lokalita' tagħna u proġett ta' asfaltar ta' xi toroq u passaġġi rurali li jagħtu għall-għelieqi. Matul is-sena li ġejja, il-Kunsill ser jorganizza wkoll skambju kulturali ta' żgħażagħ mal-Kunsill ta' Offida bejn it-2 u t-8 ta' Awwissu u anke ser nospitaw delegazzjoni mil-lokalitajiet ta' Chevaigné fi Franza u Mergo fl-Italja għal attivita' kulturali li ser issir bejn il-31 ta' Ottubru u t-3 ta' Novembru.

Fi tmiem ta' dan ir-rapport annwali amministrattiv, nixtieq nirringrazzja lill-Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha, lis-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard, lill-*Assistant Principal* Josephine Sultana u lill-iskrivana tal-Kunsill, Manolita Farrugia għas-servizz u d-dedikazzjoni tagħhom lejn il-ħidma tal-Kunsill. Mingħajr l-għajnuna tagħhom, il-Kunsill ma jkunx jista' jiffunzjona kif suppost u per konsegwenza, ir-residenti ma jkunux moqdija fil-bżonnijiet tagħhom.

**Joe Cordina**
**Sindku**

| **Pozizzjoni** | **Attendenza fil-Laqgħat** | **Parteċipazzjoni** |
|---|---|---|
| **Sindku** | | |
| Is-Sur Joseph Cordina | 100% | 100% |
| **Vici Sindku** | | |
| Il-Vici Sindku Aaron Agius | 100 % | 100% |
| **Kunsilliera** | | |
| Dr. Christian Zammit | 99 % | 100% |
| Dr. Joseph Attard | 100% | 100% |
| Dr. Kevin Cutajar | 98% | 100% |
| **Impjegati** | | |
| Is-Sur Ivan Attard (Segretarju Eżekuttiv) | 100% | 100% |

# 3.1 Organizazzjoni

**Sindku Joe Cordina**

**Viċi Sindku Aaron Agius**

**Kunsillier Dr. Christian Zammit**

**Kunsillier Dr. Joseph Attard**

**Kunsillier Dr. Kevin Cutajar**

**RESPONSABBILTAJIET TAL-KUNSILLIERA ELETTI DEMOKRATIKAMENT FL-ELEZZJONI TAS-SIBT 11 TA' APRIL 2015**

**Is-Sindku Joe Cordina:**
Ippjanar u Infrastruttura
Relazzjonijiet mal-Għaqdiet Soċjali u attivitajiet kulturali
Anzjani
Proġetti iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

**Il-Viċi Sindku Aaron Agius:**
Żgħażagħ u Sport
MEPA u Ambjent
*Upkeep* tal-ġonna pubbliċi
Kumitat Konġunt
Jgħin lis-Sindku fl-organizazzjoni ta' attivitajiet kulturali

**Il-Kunsillier Dr. Christian Zammit:**
Ġemellaġġi
Fondi tal-Unjoni Ewropea
Negozju u Kummerċ fix-Xagħra
Kultura u Wirt Storiku
Edukazzjoni u l-Librerija

**Il-Kunsillier Dr. Joseph Attard:**
*E-councilor*
Żvilupp Soċjali
Turiżmu fix-Xagħra

Indafa u Separazzjoni tal-Iskart

**Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar:**
Innovazzjoni u Tiġdid tas-Sistemi
Saħħa, Sigurta' u Aċċessibilita'
Ugwaljanza u Affarijiet tal-Familja
Animal Welfare

## Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard

Is-Segretarju Eżekuttiv huwa l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv:

(a) Joħroġ l-avviżi kollha, iħejji l-aġenda b'konsultazzjoni mas-Sindku u jattendi l-laqgħat kollha tal-Kunsill;
(b) Jikkompila u jiffirma l-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill u tal-Kumitat;
(c) Kull sena jissottometti rapport amministrattiv dettaljat lis-Sindku li mbagħad jissottomettieh lill-Kunsill għall-approvazzjoni tiegħu;
(d) Jieħu ħsieb li jingħataw lill-Kunsill estimi tad-dħul u nfiq tal-Kunsill matul is-sena finanzjarja li tkun ġejja;
(e) Jaqdi kull dmir amministrattiv li jista' jingħatalu mis-Sindku, skont *policies* deċiżi u delegati mill-Kunsill;
(f) Joħroġ kull ordni oħra dwar xi nefqa kif approvata mill-Kunsill u
(g) Jesegwixxi d-deċiżjonijiet leġittimi tal-Kunsill u jwaqqaf kull attivita' jew inizjattiva li jkun ser jagħmel il-Kunsill li tkun kontra l-Liġi, ir-regolamenti, strateġiji jew *policies* nazzjonali u lokali, jew kull attivita' jew inizjattiva li ma tkunx approvata b'deċiżjoni tal-Kunsill

## L-Assistent Uffiċjal Prinċipali Josephine Sultana

## L-iskrivana Manolita Farrugia

**3.2 Ix-Xogħol tal-Kunsill**

## Attivitajiet Ġenerali

L-attivitajiet ġenerali li seħħew matul is-sena 2016 huma elenkati fl-introduzzjoni tas-Sindku fil-bidu ta' dan ir-rapport.

## *4.0 Varjazzjonijiet fid-d]ul u l-Infieq*

4.1 Skeda ta' varjazzjonijiet konsolidati ta'
Dhul u Nfieq

| | a | b | c | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|
| **DESKRIZZJONI** | **2015 ACTUAL (EWRO)** | **2016 BUDGET (EWRO)** | **2016 ACTUAL (EWRO)** | **2015 - 2016 ACTUAL VAR (EWRO)** |
| **Dhul** | | | | |
| Tal-Gvern | 687,412.10 | 627,934.00 | 703,915.21 | 16,503.11 |
| Bye-laws | 14,841.82 | 16,000.00 | 13,398.28 | -1,443.54 |
| Investiment | 241.65 | 800.00 | 100.00 | -141.65 |
| Generali | | | | |
| TOTAL | **702,495.57** | 644,194.00 | **717,413.49** | **14,917.92** |
| **Infieq** | | | | |
| Salarji u Pagi | 85,465.70 | 85,908.38 | 88,501.26 | 3,035.56 |
| Manutensjoni u Xogholijiet ohra | 314,447.20 | 289,160.00 | 301,088.48 | -13,358.72 |
| Infieq Kapitali | 240,010.16 | 263,500.00 | 265,518.44 | 25,508.28 |
| TOTAL | **639,923.06** | **638,568.38** | **655,108.18** | **15,185.12** |
| **Bilanc** | **62,572.51** | **5,625.62** | **62,305.31** | **-267.20** |

***4.0 Varjazzjonijiet fid-d]ul u l-Infieq***

4.2 Skeda ddettaljata ta' varjazzjonijiet fid-dhul

| DESKRIZZJONI | A<br>2015<br>ATTWALI<br>(EWRO) | B<br>2016<br>STIMA<br>(EWRO) | c<br>2016<br>ATTWALI<br>(EWRO) | a-c<br>2015-2016<br>ACTUAL VAR<br>(EWRO) |
|---|---|---|---|---|
| **Dhul** | | | | |
| Tal-Gvern | | | | |
| Anwali | 476,660.87 | 481,394.00 | 481,835.00 | 5,174.13 |
| Supplimentari | 14,291.26 | | 7564.20 | -6,727.06 |
| Bzonnijiet Specjali | | | | |
| Entitajiet Publici/Governattivi | 231.51 | | | |
| Ohrajn (Servizz ta' librar) | | | | |
| | **491,183.64** | **481,394.00** | **489,399.20** | **-1,784.44** |
| Bye-Laws | | | | |
| Dhul minn permessi | 5,536.42 | 6,000.00 | 8264.04 | 2,727.62 |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | | | 2009.24 | 2009.24 |
| Kontibuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | 2675.00 | 2675 |
| Generali | 9,305.40 | 10,000.00 | 450.00 | -8,855.40 |
| | **14,841.82** | **16,000.00** | **13,398.28** | **-1,443.54** |
| Investiment | | | | |
| Interess Bankarju | 241.65 | 800.00 | 300.97 | 59.32 |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | **241.65** | **800.00** | **300.97** | **59.32** |
| Generali - Eu Projects | **196,228.46** | **146,000.00** | **214,516.01** | **18,287.55** |
| **TOTAL** | **702,495.57** | **644,194.00** | **717,413.49** | **14,917.92** |

## *4.0 Varjazzjonijiet fid-d]ul u l-Infieq*

4.3 Skeda ddettaljata ta' varjazzjonijiet fl-Infieq

| | A | B | c | c-a |
|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2015 ACTUAL (EWRO) | 2016 BUDGET (EWRO) | 2016 ACTUAL (EWRO) | 2015-2016 ACTUAL VAR (EWRO) |
| **Infieq** | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 8218.67 | 7228.50 | 7228.56 | -990.11 |
| *Allowances* tal-kunsilliera | 7204.38 | 6000.00 | 12,000.00 | 4,795.62 |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 58,931.54 | 60,101.00 | 62,578.48 | 3,646.94 |
| Bonus | 4887.55 | 4887.00 | 5332.70 | 445.15 |
| Dhul Supplimentari | 726.78 | 2000.00 | 726.96 | 0.18 |
| Kontribuzzjonijçt ta' Sigurta Socjali | 5496.78 | 5691.88 | 5848.90 | 352.12 |
| 'Allowances' | | | 385.66 | 385.66 |
| | 85,465.70 | **85,908.38** | 94,101.26 | 8,635.56 |
| Manutensjoni u Xoghlijiet ohra | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 4490.69 | 5000.00 | 3708.94 | -781.75 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 2532.73 | 3500.00 | 3556.12 | 1,023.39 |
| Tiswijiet u manutensjoni | 86,682.39 | 90,000.00 | 82,067.22 | -4,615.17 |
| Kera | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 0 |
| Shubija f'Assocjazzjonijiet Internazzjonali | 973.29 | 960.00 | 1350.00 | 376.71 |
| Spejjes ta' l-Ufficcju | 7106.77 | 7000.00 | 4302.48 | -2,804.29 |
| Trasport | 6066.03 | 6000.00 | 6486.52 | 420.49 |
| Vjaggar/safar | 8060.32 | 6000.00 | 3790.55 | -4,269.77 |
| Informazzjoni ghall-Publiku | 2982.02 | 4000.00 | 4022.98 | 1,040.96 |
| Servizzi b' Kuntratt | 120,874.41 | 100000.00 | 138,787.48 | 17,913.07 |
| Servizzi Professjonali | 29,984.45 | 20,400.00 | 19,330.48 | -10,653.97 |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 42,397.65 | 44,000.00 | 60,231.35 | 17,833.70 |
| Spejjes Incidentali | 1796.45 | 1800.00 | 182.24 | -1,614.21 |
| | **314,447.20** | 289,160.00 | **308,986.48** | **-5,460.72** |
| Infieq Kapitali | | | | |
| Programmi Specjali | | | 17,512.87 | 17,512.87 |
| Bini | | | | |
| Titjib | 2530.32 | 2500.00 | 3911.58 | 1,381.26 |
| Makkinarju u Apparat | | | 409.00 | 409 |
| Resurfacing or roads and EU Projects | 237,479.84 | 261,000.00 | 243,684.99 | 6,205.15 |
| **TOTAL** | **639,923.06** | 638,568.38 | **668,606.18** | **28,683.12** |